Kunsill Lokali Ħal Balżan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balżan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Hal Balzan

## Laqgħa Nru. 23

Data: 25 ta' Lulju 2016

Ħin: 4.30pm

Post: Fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balżan

| | Isem | Kariga | Inizjali |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | ***Dr. Ian Spiteri –*** | ***Sindku*** | ***IS*** |
| | ***Andre Grech –*** | ***Viċi Sindku*** | ***AG*** |
| | ***Desmond Zammit Marmara –*** | ***Kunsillier*** | ***DZM*** |
| | ***Daniel Muscat-*** | ***Kunsillier*** | ***DM*** |
| | ***Joe Galea-*** | ***Kunsillier*** | ***JG*** |
| | **Mark Mallia–** | **Agent *Segretarju Eżekuttiv*** | ***MM*** |

Skużati:

Assenti:

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajjma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Għazla tas-Segretarju Eżekuttiv
6. Management Letter - Risposta tal-Kunsill
7. Komunikazzjoni tal-Kunsilliera
8. Approvazzjoni ta' Pagamenti

9. Aġġornament.

**1 Qari u approvazzjoni ta' Minuti**

**1.1** Is-SE talab li l-minuti tal-laqgħa tnejn u għoxrin jiġu ppreżentati u approvati fil-laqgħa li jmiss.

**1.2** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

**2 Punti maqjma mill-Minuti**

**2.1** Ma kien hemm ebda punti mqajjma minħabba li ma ġewx ippreżentati l-minuti.

**3. Komunikazzjoni tas-Sindku**

**3.1** Is-Sindku IS infurma lill-Kunsill li bħala Kunsill ingħatajna premju ta' €1000 mill-GreenPak waqt serata tal-Kumpanija għal *Most Supportive Locality Award* fil-ġbir tal-iskart riċiklat. Dawn il-flus ser jintefqu fuq it-tisbieħ ta' Wied Ħal Balzan fejn kien hemm il-Bring In Sites.

**3.2** Is-Sindku IS ressaq ilment ta' xi residenti li joqgħodu f'Wied Ħal Balzan fuq ir-rampa illegali li saret quddiem il-garaxx ta' car dealer. Il-Kunsillier JG infurma lill-Kunsill li huwa kellem lis-sid personali u għandha titneħħa minnufih.

**3.3** Is-Sindku IS talab lis-SE jikteb lid-Dipartiment għal Gvern Lokali biex jara jekk bħala Kunsill nistgħux nużaw fondi u nagħmlu skema fejn inqabbdu cherry picker u persuna biex jitwaħħlu ventilaturi mad-djar privati tar-residenti.

**4. Korrispondenza u Ilmenti**

**4.1** Ittra Nru **5855**: Ittra mingħand is-Sur Scicluna fejn qed jitlob li bħala Kunsill jerġa' jikkunsidra li jitpoġġew il-Bring In Sites f'Wied Ħal Balzan.

**4.1.1** Is-Sindku IS qal li l-Bring In Site ser ikun ikkonċentrat f'Wesgħa Profs. Aquilina u diġa' għandu ftehim mal-GreenPak li f'kaz ta' overloading jiżdiedu aktar bins ta' riċiklaċċ. Fil-Wied ser isir embellishment tal-area.

**4.2** Ittra Nru. **5856**: Approvazzjoni minn Transport Malta biex isiru 1 meter double yellow line fuq kull naħa mal-garaxx ta' 55, Triq Il-Kbira.

**4.3** Ittra Nru **5858**: Komunikazzjoni mill-pulizija wara spezzjoni li saret ġewwa Triq it-Tabib J. Zammit fejn kien hemm konferma li quddiem garaxx Nru 11 qed jintuża bħala garage in use.

**4.4** Ittra Nru **5861:** Talba biex il-parking quddiem il-Kunsill li jinsab fuq il-bankina tintuża biss għat-tabib tal-berġa għaliex kull ħin tal-ġurnata qed tostakola l-passaġġ tal-bankina.

**4.5** Ittra Nru **5862**: Talba mis-sidien ta' kostruzzjoni li tinsab fi Triq Il-Kbira fejn kien hemm il-Qronfla li s-siġra li hemm quddiem din il-binja titneħħa peress li hemm il-garaxxijiet tal-binja.

**4.5.1** Il-Kunsill huwa kontra li titneħħa kull tip ta' siġra. Is-siġra kienet hemm qabel ma saret il-kostruzzjoni u misshom ħasbu minn qabel. Biex siġra titneħħa jrid ikun hemm il-clearance mill-MEPA kif ukoll mid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Il-Kunsill talab lis-SE biex jikteb lis-sidien biex jssottomettu dawn il-clearances għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

**4.6** Ittra Nru.**5876**: Ittra mingħand Transport Malta dwar mapping plan għal aktar *electric car charging points* u talbu lill-Kunsill biex jindikaw aktar areas fil-lokalita għal dawn iċ-*charging points*. Il-Kunsill talab lis-SE jinfurma lill-Transport Malta li bħala Kunsill qed jissuġġerixxu li dawn isiru f'Wesgħa Profs. Aquilina u dawk eżistenti fi Pjazza Bertu Fenech jitmexxew ukoll hemmhekk.

**4.7** Ittra Nru. **5879**: Talba għal traffic mirror fi Triq Birbal quddiem Dewdrops. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li dawn isiru bi spejjeż tagħhom wara li jkun hemm l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**4.8** Ittra Nr. **5887**: Talba mill-Kazin PL għal Lejla Maltija fejn ser tingħalaq Triq it-Tlett Knejjes. Il-Kunsill ma huwiex ta' l-opinjini li din it-triq tingħalaq u qed jissuġġerixxi li din issir fl-area ta' quddiem l-HSBC. Il-Kunsillier DZM ser ikellem lill-kumitat u jinfurmana. La darba tiġi aċċettata, il-Kunsill joħroġ il-permessi meħtieġa.

**4.9** Ittra Nru **5889**: Ċirkulari Nru 9/2016 mid-DLG - Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016. Il-Kunsill approva li ssir applikazzjoni biex tiġi restawrata n-niċċa tal-madonna li tinsab fi Triq it-Tlett Knejjes. Il-Kunsillier DM ser jieħu ħsieb din l-applikazzjoni.

**4.10** Dwar l-ilmenti u l-korrispondenza l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, il-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 5. <u>Għażla tas- Segretarju Eżekuttiv</u>

5.5.1 Wara li saret evalwazzjoni min-naha tal-Bord tal-Għażla, il-Kunsill inghata r-riżultati tal-Intervisti li saru mal-kandidati. Kif jidher skont r-rapport tal-Bord tal-Għazla, l-aktar kandidat idonju wara li saru l-intervisti kienet is-Sinjorina Doriette Farrugia.

5.5.2 Fuq riżoluzzjoni mressqa mis-Sindku Dr. Ian Spiteri u ssekondat mill-Viċi Sindku s-Sur Andre Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lis-Sinjorina Doriette Farrugia sabiex timla l-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill ta' Ħal Balzan.

## 6. Management Letter- Risposta tal-Kunsill

**6.1** Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet il-*Management letter* li ġġib id-data tat-13 ta' Gunju 2016 u risposta *draft* li ġġib id-data tal-25 ta' Lulju 2016 (mehmuż).

**6.2** Is-Sindku, Dr. Ian Spiteri li kien issekondat mill-Kunsillier Daniel Muscat ippropona r- risposta tal-*Management Letter* għall-approvazzjoni.

**6.3** Ir-risposta *draft* ġiet approvata unanimament u ffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

## 7 Komunikazzjoni mill-Kunsillier

**7.1** Il-Kunsiilier DZM xtaq jippreċiża li mhuiex opportunist u wisq anqas populist u kull ma kien qed jaghmel, l-argument tieghu fuq il-kwistjoni tal-qtil tal-ħamiem. Huwa qal li kulhadd jaf li huwa persuna li jħobb l-annimali u dik hija l-pożizzjoni li ħa. Huwa qal li ma għandu xejn personali kontra xi ħadd mill-kunsilliera

**7.1.1** Is-Sindku fuq dan il-kaz qal li huwa urta ruħu għar-raġuni li s-Sur Zammit Marmara ta' wieħed x'jifhem li din id-deċizjoni ħadha s-Sindku meta fil-fatt kien il-Kunsill b'eċċezzjoni tas-Sur Marmara li approva din id-deċiżjoni.

**7.2** Il-Kunsillier DZM ressaq talba ta' resident li joqgħod fi Triq It-Tabib J. Zammit biex l-iżvilupp li ser isir fil-propjeta The Haven ma jitneħħewx is-siġar.

**7.3** Il-Kunsillier DZM talab xi żviluppi kien hemm fuq il-bini l-ġdid tal-Kunsill.

**7.3.1** Is-Sindku qal li minħabba d-dewmien li kien hemm wara li ntalbet kjarifika mid-Dipartiment għal Gvern Lokali, kien hemm skema tal-MEPA li fir-rigward ta' minor amendments setgħet issir applikazzjoni ta' DNO li tieħu tmien ġimgħat u minħabba din il-kjaifika kif ukoll negliġenza min naħa tal-perit tal-Kunsill, il-Kunsill ġie avżat li kellu jmur għal full permit u mhux biss DNO. Din id-deċiżjoni ser tittieħed fit-12 ta' Awissu 2016.

**7.4**. Il-Kunsillier DZM qal li avviċinah resident fuq xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq Il-Ferrovija l-Qadima kantuniera ma' Triq M.A. Refalo u talab biex titwaħħal mera. Il-Kunsillier JG qal li din ser issir.

7.5. Il-Kunsillier DZM talab biex il-Kunsill jintervjeni fuq gallarija perikoluża li tinsab fi Triq Il-Kbira. Il-Kunsillier JG ser jara x'jista' jsir

7.6 Il-Kunsillier DZM qal li f'Wied Ħal Balzan quddiem Frank Salt hemm bżonn li l-bankina tiġi rranġata.Il-Kunsillier JG ħa nota tagħha.

7.7 Il-Kunsillier JG poġġa fuq il-mejda tal-kamra żewġ kwotazzjonijiet fuq it-tiswija tal-culverts li jinsabu f'Wied Ħal Balzan li kienu ta' Ganaja għas-somma ta' €1150.50 u Dimbros Ltd €1180.00. Il-Kunsill talab għal aktar kwotazzjonijiet.

**7.8** Il-Kunsillier JG infurma lill-Kunsill li saret laqgħa tas-sotto kumitat fejn ġie diskuss il-problema tal-ħamiem u ttieħdu suġġerimenti fuq dan is-suġġett.

**7.9** Il-Viċi Sindku AG talab lill-Kunsill biex bank li jinsab quddiem il-qronfla jitressaq aktar 'l fuq. Il-Kunsill approva.

**7.10** Il-Viċi Sindku AG ressaq proposta li l-laqgħat tal-Kunsill isiru kull xahar u nhux kull tlett ġimgħat. Il-Kunsill approva.

7.11 Il-Kunsillier DM ressaq proposta ta' residenta biex fejn ir-roundabout ta' Triq L-Għerusija jiżdiedu xi parking bays. Il-Kunsill ra li din il-proposta mhix vijabbli.

7.12 Il-Kunsillier DM ħareġ bl-idea li ssir xi tip ta' Quiz Night fix-xhur li ġejjin. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea.

7.13 Il-Kunsillier DM qal li avviċinawħ xi residenti milquta mill-problema tal-ħamiem u rringrazzjawh tad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill.

## 8. <u>Approvazzjoni tal-pagamenti</u>

**8.1** Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-25 ta' Lulju 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 20,253.35. L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat li kien issekondat mill-Viċi Sindku Andre' Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 9. <u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>

**9.1** Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 22 ta' Awwissu 2016 fl-16.30pm

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data